MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 136/1986/6

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Limited u b'nota tat-23 ta' Frar 1998, l-isem tas-socjeta` Mid-Med Bank Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tat-23 ta' Novembru 1999, l-isem tas-socjeta` Mid-Med Bank p.l.c. inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Bernard Ellul Sullivan u Walter Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eurowear Clothing**

**Industry Limited u Alexander Zammit u Bernard Ellul Sullivan
ghan-nom u in rapprezentanza
tas-socjeta` Mixer Wholesale Company Limited
u Bernard Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan
u Alexander Zammit u Walter Zammit;
u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1996, Nadia mart Walter Zammit, Patricia mart Bernard Ellul Sullivan,
Edwige mart Joseph Ellul Sullivan u
Johanna mart Alexander Zammit thallew jidhlu fil-kawza
in statu et terminis**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mill-attur li tghid hekk:

"Peress illi bi tlett kuntratti datati rispettivament 26 ta' Awissu, 1982, 11 ta' Jannar, 1984 u 1 ta' Ottubru, 1984 (Dok. A, B u C) kollha in atti Nutar Dottor George Bonello Du Puis l-attur nomine silef lis-socjeta` konvenuta Eurowear Clothing Industry Limited somma ta' flus fuq 'Overdraft Account' bl-imghax bit-tmienja fil-mija (Dok. D, E, F, G, u H);

"Peress illi bi skrittura tal-31 ta' Awissu, 1982 l-attur nomine silef lis-socjeta` konvenuta Eurowear Clothing Industry Limited somma ta' flus fuq 'Loan Account' bl-imghax bit-tmienja fil-mija (Dok. J);

"Peress illi bi tlett kuntratti hawn fuq imsemmija kif ukoll bi tlett skritturi datati rispettivament 26 ta' Awissu, 1982 (Dok. K), 11 ta' Jannar, 1984 (Dok. L) u 1 ta' Ottubru, 1984 (Dok. M) il-konvenuti Joseph Ellul Sullivan, Bernard Ellul Sullivan, Alexander Zammit u Walter Zammit garantew 'in solidum', kull wiehed minnhom, lis-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited sas-somma ta' sitt mija u hamsin elf lira (Lm650,000);

"Peress illi b'zewg skritturi datati rispettivament 3 ta' Marzu, 1985 (Dok. N) u 25 ta' Marzu, 1985 (Dok. O) is-

socjeta` konvenuta Mixer Wholesale Company Limited garantit ‘in solidum’ lis-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited sas-somma ta’ sitt mija u hamsin elf lira (Lm650,000);

“Peress illi s-socjeta` attrici hi kreditur tas-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited fis-somma ta’ disghin elf lira erbghin centesimu u millesimu (Lm90,000.40,1) fuq il-‘Loan no. 2 Account’ (Dok. P), fis-somma ta’ hdax-il elf sitt mija u tmienja u hamsin lira tmienja u hamsin centesimu u disa’ millesimi (Lm11,658.58,9) fuq it-‘Trade Bills Account’ (Dok. Q), fis-somma ta’ mija u sbatax-il elf erba’ mija u hamsa u tmenin lira tletin centesimu u millesimu (Lm117,485.30,1) fuq it-‘2 Account’ (Dok. R), u fis-somma ta’ hames mija u erbgha u disghin elf tlett mija u tlett liri tnejn u erbghin centesimu u disa’ millesimi (Lm594,303.42,9) fuq l-‘overdraft Account’ (Dok. S) b’kollox tmien mija u tlettax-il elf erba’ mija u sebgha u erbghin lira u tnejn u sebghin centesimu (Lm813,447.72) u bl-imghax bit-tmienja fil-mija mit-22 ta’ Settembru, 1985 sad-data tal-pagament effettiv;

“Peress illi l-konvenuti kollha nterpellati biex ihallsu skond l-obbligi rispettivi taghhom baqghu inadempjenti (Dok. T, U, V, W, X u Y);

“Ighidu ghalhekk l-istess konvenuti ‘l ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tikkundannahom ‘in solidum’ li jhallsu lill-attur nomine u cioe` (1) tikkundanna lis-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited li thallas lill-attur nomine s-somma globali ta’ Lm813,447.72,0 kif fuq spjegat bl-imghax bit-tmienja fil-mija mit-22 ta’ Settembru, 1985 sad-data tal-pagament effettiv, fil-waqt li tikkundanna lill-konvenuti l-ohra garanti u cioe` lil Mixer Wholesale Company Limited, lil Bernard Ellul Sullivan, lil Joseph Ellul Sullivan, lil Alexander Zammit u lil Walter Zammit li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ Lm650,000 solidament bejniethom skond il-garanziji rispettivi taghhom kif fuq spjegat liema flus gew mislufa lis-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited u bl-imghax kalkolati bit-tmienja fil-mija mit-22 ta’ Settembru, 1985 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' tlett mandati ta' sekwestru u tnejn ta' qbid tat-28 ta' Jannar, 1986 u erba' mandati ta' qbid tad-29 ta' Jannar, 1986. Il-konvenuti huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Bernard Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Alexander Zammit u Walter Zammit li in forza taghha eccepew illi:
"1. L-illegittimita` tal-persuna ta' l-attur peress illi dan ma ghandux ir-rapprezentanza gudizzjali tas-socjeta` attrici.

"2. Fil-meritu illi t-talba kif dedotta kontra l-eccipjenti ghandha tigi michuda billi jekk tigi milqugha t-talba kif inhi, kull wiehed mill-eccipjenti ser jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm650,000 li jgibu total ta' Lm2,600,000.

"3. Illi l-eccipjenti jirrizervaw li jghamlu l-eccezzjonijiet dwar ic-cifri x'hin ikunu f'posizzjoni li jivverifikaw l-"istatements" ezibiti mill-attur nomine u jikkomparawhom mal-kotba tas-socjeta` konvenuta.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet tal-konvenuti Alexander Zammit u Bernard Ellul Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mixer Wholesale Co. Ltd., li in forza taghha eccepew illi:
"1. L-illegittimita` tal-persuna ta' l-attur peress illi dan m'ghandux ir-rapprezentanza gudizzjali tas-socjeta` attrici.

"2. Fil-meritu illi t-talba kif dedotta kontra l-eccipjenti nomine ghandha tigi michuda billi jekk tigi milqugha t-talba kif inhi, kull wiehed mill-garanti solidali ser jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm650,000 li jgibu total ta' Lm3,250,000.

"3. Illi l-eccipjenti nomine jirrizervaw li jghamlu eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif jivverifikaw id-dokumnenti ezibiti mill-attur nomine.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri”.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Bernard Ellul Sullivan u Walter Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited li in forza taghha eccepew illi:
“1. L-illegettimita` tal-persuna ta’ l-attur peress illi dan ma ghandux ir-rapprezentanza gudizzjali tas-socjeta` attrici.

“2. Minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz l-ammonti indikati bhala dovuti m’humiex korretti.

“3. Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-Nota mressqa mill-atturi *nomine* fis-6 ta’ Ġunju, 1986, li magħha kien hemm mehmuż estratt ta’ riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank attur tas-7 ta’ Diċembru, 1984, li bih l-attur *nomine* ngħata s-setgħa li jidher għall-Bank f’atti ġudizzjarji kontra l-klijenti ta’ l-istess bank;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta’ Ġunju, 1986, li bih ordnat il-korrezzjoni ta’ l-Att taċ-Ċitazzjoni billi l-kliem “rispettivament kull wieħed minnhom” jitħassru u jidħlu minflokhom il-kliem “solidalment bejniethom”, għall-finijiet ta’ l-Artikolu 175 tal-Kodiċi;

Rat id-digriet ta’ dik il-Qorti tal-11 ta’ Ġunju, 1986, li bih ħalliet il-kawża *sine die* sakemm jinstema’ l-appell imressaq mill-imħarrkin Bernard Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Alexander Żammit, Walter Żammit u Mixer Wholesale Company Limited mill-imsemmi digriet;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummerċjali) fl-20 ta’ Marzu, 1989, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet l-appell u ħassret id-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta’ Ġunju, 1986, li bih kienet ordnat il-bidla fl-att taċ-Ċitazzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-attur *nomine* waqt is-smigħ tas-26 ta’ Frar, 1992, li bih naqqas is-somma sħiħa mitluba

fiċ-Ċitazzjoni għall-ammont ta’ seba’ mija u tmienja u tmenin elf seba’ mija u ħmistax-il lira Maltija u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm788,715.39), maqsuma kif hemmhekk stess imfisser;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka Eurowear Clothing Industry Limited fit-8 ta’ Mejju, 1992, li biha fissret x’riedet tgħid fit-tieni eċċezzjoni tagħha;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ tat-13 ta’ Jannar, 1993, li bih ċaħdet it-talbiet magħmulin f’erba’ rikorsi separati mressqin fl-14 ta’ Mejju, 1992, minn Nadia mart Walter Żammit, Patricia mart Bernard Ellul Sullivan, Edwige mart Joseph Ellul Sullivan u Johanna mart Alexander Żammit biex jidħlu fil-kawża *in statu et terminis*;

Rat id-digriet ta’ dik il-Qorti tas-7 ta’ Diċembru, 1994, li bih reġgħet ħalliet il-kawża *sine die* sakemm jinstema’ l-appell imressaq mid-digriet li bih ċaħdet l-intervent fil-kawża tan-nisa ta’ l-imħarrkin;

Rat is-sentenza mogħtija fit-23 ta’ Jannar, 1996, li biha l-Qorti ta’ l-Appell (Sede Ċivili) laqgħet l-appell tan-nisa ta’ l-imħarrkin u ħalliethom jidħlu fil-kawża *in statu et terminis*;

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-9 ta’ Frar, 1996, li bih reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ tal-14 ta’ April, 1996;

Rat in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet imressqa mill-intervenuti fil-kawża Nadia Żammit, Johanna Żammit u Patricia Ellul Sullivan fid-29 ta’ Mejju, 1996, li biha qalu li l-garanziji mogħtija mir-rispettivi żwieġhom lill-Bank attur ma kinux jiswew għaliex ma kinux taw il-kunsens tagħhom bħala komparteċipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti mar-rispettivi żwieġhom;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, kemm quddiem il-Qorti u kif ukoll bil-mezz ta’ l-affidavit;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Jannar, 1998, li bih il-Qorti (diversament komposta) ħatret lill-Avukat Kenneth Gulia

bħala Assistent Ġudizzjarju biex jilqa’ x-xhieda u l-provi dokumentali li kien għad fadlilhom iressqu l-imħarrkin u l-intervenuti fil-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u wkoll il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat in-Nota ta’ astensjoni magħmula mill-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti fit-30 ta’ April, 1999;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank attur fid-29 ta’ Settembru, 2000, li biha huwa ċeda l-atti tal-kawża fil-konfront ta’ l-imħarrek Bernard Ellul Sullivan u ta’ martu intervenuta fil-kawża Patricia Ellul Sullivan, iżda mingħajr ma jbati l-ispejjeż tagħhom;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Mejju 2006, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“**Teħles lill-imħarrek** Bernard Ellul Sullivan u lil martu l-intervenuta Patricia Ellul Sullivan milli joqogħdu fil-kawża, u dan billi l-Bank attur ċeda l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tagħhom;

“Għall-finijiet ta’ l-Artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta qegħda **tordna l-bdil fl-att taċ-Ċitazzjoni** billi fit-talba attriċi l-kliem “rispettivament kull wieħed minnhom” jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem “solidalment bejniethom”;

“**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** ta’ l-imħarrkin bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u tiddikjara li l-attur *nomine* kellu l-kwalita` li jidher għall-Bank attur fl-atti ta’ din il-kawża;

“**Tiċħad l-eċċezzjoni** ta’ l-intervenuti fil-kawża, u tiddikjara li l-garanziji mogħtijin mill-imħarrkin Walter Żammit, Joseph Ellul Sullivan, Alexander Żammit u Mixer Wholesale Company Limited kienu jiswew għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u kienu jorbtu lill-persuni li għamluhom;

“**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kumpannija mħarrka Eurowear Clothing Industry Limited hija debitriċi tal-Bank attur fis-somma ta’ seba’ mija u tmienja u tmenin elf seba’ mija u ħmistax-il lira Maltija u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm788,715.39) rappreżentanti l-ammont ta’ faċilitajiet bankarji ta’ self u *overdraft* maħruġa għall-benefiċċju tagħha mill-Bank attur, flimkien ma’ l-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b’effett mit-22 ta’ Settembru, 1985, sal-jum tal-ħlas effettiv;

“**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi wkoll** billi tiddikjara lill-imħarrkin l-oħrajn Walter Żammit, Alexander Żammit, Joseph Ellul Sullivan u Mixer Wholesale Company Limited responsabbli solidalment mal-kumpannija mħarrka Eurowear Clothing Industry Limited għad-dejn tagħha mal-Bank attur, u dan f’ammont ta’ mhux aktar minn sitt mija u ħamsin elf lira Maltija (Lm650,000);

“**Tikkundanna** lill-kumpannija debitriċi mħarrka u lill-imħarrkin garanti solidali biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta’ Lm788,715.39, bħala dejn minnhom dovut flimkien ma’ l-imgħaxijiet bit-8% fis-sena fuq l-imsemmija somma b’effett mit-22 ta’ Settembru, 1985, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

“**Tikkundanna** lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom **iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża**, ħlief għall-ispejjeż ta’ l-imħarrek Bernard Ellul Sullivan u martu l-intervenuta fil-kawża Patricia Ellul Sullivan, li għandhom ibatu biss l-ispejjeż tagħhom. “

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija azzjoni għall-ħlas lura ta’ flus mislufa lill-kumpannija debitriċi taħt għamliet differenti. Minħabba li persuni oħrajn – kemm fiżiċi u wkoll legali – intrabtu li jagħmlu tajjeb solidalment għad-dejn tal-kumpannija debitriċi, il-bank attur mexxa kontra tagħhom ukoll għall-ħlas. Għalkemm fil-bidu l-Bank attur kien qiegħed jippretendi l-ħlas ta’ somma partikolari, aktar tard, matul is-smigħ tal-kawża, niżżel l-ammont mitlub għas-somma

ta' Lm788,715.39, u l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma minn Settembru tal-1985 sal-jum tal-ħlas effettiv;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-kumpannija mħarrka Eurowear Clothing Industry Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "ECIL") kienet ingħatat facilita` bankarja fis-sura ta' *overdraft* sal-massimu ta' tlieta u disgħin elf lira Maltija (Lm93,000) bis-saħħa ta' kuntratt tas-26 ta' Awissu, 1982[1], fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis. Fl-istess att, Joseph Ellul Sullivan, Bernard Ellul Sullivan, Walter Żammit u Alexander Żammit (aktar 'il quddiem imsejħin "l-imħarrkin garanti"), daħlu garanti solidali ma' l-imsemmija ECIL u offrew ukoll ġid tagħhom taħt ipoteki. Dak inhar ukoll, l-imħarrkin garanti resqu fuq kitba[2] ta' garanzija għall-ogħla ammont tal-faċilita` mogħtija lil ECIL, filwaqt li n-nisa tagħhom (aktar 'il quddiem imsejħin "l-intervenuti fil-kawża") iffirmaw il-kunsens tagħhom għar-reġistrazzjoni ta' l-ipoteki li żwieġhom l-imħarrkin garanti kienu qegħdin joffru[3] ;

"Illi b'kuntratt tal-24 ta' Ottubru, 1983[4], l-imħarrek garanti Walter Żammit intrabat b'ipoteka speċjali fuq ġid tiegħu fil-limiti ta' l-imdina, u dan b'żieda mal-garanziji li kienu ngħataw fl-ewwel kuntratt u b'riferenza għall-facilita` oriġinali;

"Illi b'kuntratt ieħor fl-atti ta' l-istess Nutar Pubbliku tal-11 ta' Jannar, 1984[5], l-istess ECIL u l-imħarrkin garanti ngħataw mill-Bank attur żieda fil-facilita` ta' l-o*verdraft* fl-ammont ta' tliet mija u sebgħa u disgħin elf lira Maltija (Lm397,000) biex, meta miżjuda mal-facilita` oriġinali ta' Awissu tal-1982, kienet tagħti lill-istess ECIL limiti massimu ta' erba' mija u disgħin elf lira Maltija (Lm490,000) ta' facilita` bħal dik. Filwaqt li l-garanti Bernard Ellul Sullivan u Walter Żammit intrabtu b'garanzija solidali sa l-ammont tal-facilita` l-ġdida, l-imħarrek garanti l-ieħor Alexander Żammit intrabat b'garanzija solidali ma' ECIL fl-ammont ta' Lm490,000.

[1] Dokti "A", "RGD4" u "GB1", f'paġġ. 5-9, 273-7 u 367 sa 378 tal-proċess
[2] Dokti "K" u "Ċ", f'paġġ. 27 sa 30 u 292-5 tal-proċess
[3] Dokti "A" sa "D", f'paġġ. 375-8 tal-proċess (mehmużin mal-kuntratt nutarili pubbliku)
[4] Dok "RGD1", f'paġġ. 259 sa 261 tal-proċess
[5] Dokti "B", "RGD2", u "GB2", f'paġġ. 10-4, 262-6 u 379 sa 392 tal-proċess

Dak inhar ukoll, l-imħarrkin garanti reġgħu resqu fuq kitba ta' garanzija mal-Bank attur[6];

"Illi reġa' sar kuntratt ieħor fl-atti ta' l-imsemmi Nutar Pubbliku fl-1 ta' Ottubru, 1984[7], li bih mill-ġdid ECIL ingħatat żieda fl-ogħla ammont disponibbli taħt il-facilita` ta' l-*overdraft* b'mod li l-limitu ttella' għal sitt mija u ħamsin elf lira Maltija (Lm650,000). Għal darb'oħra, l-imħarrkin garanti ntrabtu solidalment mal-kumpannija mħarrka f'dak l-ammont. Kemm hu hekk, dak inhar ukoll huma resqu fuq kitba ta' garanzija mal-Bank attur[8]. Dak inhar ukoll, l-intervenuti fil-kawża iffirmaw il-kunsens tagħhom għall-għoti minn żwieġhom ta' l-ipoteki miżjuda[9];

"Illi f'Marzu tal-1985, il-kumpanija mħarrka Mixer Wholesale Company Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "MWCL") daħlet garanti ma' ECIL f'kitba f'dan is-sens li saret mal-Bank attur l-ewwel fit-8 ta' Marzu, 1985[10], sa l-ammont ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000), u mbagħad, aktar tard tul dak l-istess xahar, fil-25 ta' Marzu, 1985[11], b'garanzija oħra sa l-ammont ta' ħames mija u ħamsin elf lira Maltija (Lm550,000). Dak inhar, għall-kumpannija mħarrka garanti MWCL kienu deheru l-imħarrkin garanti Bernard Ellul Sullivan u Alexander Żammit;

"Illi l-Bank attur beda joħroġ mandati kawtelatorji kontra l-imħarrkin f'Jannar tal-1986, u l-kawża nfetħet fi Frar ta' dik is-sena;

"Illi fi proċess bħal dan li ħa medda ta' snin, il-Qorti trid tagħraf tagħżel il-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt rilevanti</u> biex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti tqis li din il-kawża ilha tterraq quddiem il-Qrati għal qrib għoxrin sena. Issa li l-proċess hu msoffi mill-kwestjonijiet marġinali li tqanqlu f'kull stadju tal-kawża, wieħed jista' jgħarbel dak li huwa essenzjali minn dak li kien iservi biss biex ixellef l-attenzjoni mill-kwestjoni ewlenija għal episodji maħsuba ta' tkaxkir proċedurali li sewa żmien kbir lill-Qorti. Dak li l-

[6] Dokti "L" u "B", f'paġġ. 31-4 u 288 sa 291 tal-proċess
[7] Dokti "Ċ", "RGD3" u "GB3", f'paġġ. 15 sa 20, 267 sa 272 u 356 sa 366 tal-proċess
[8] Dokti "M" u "D", f'paġġ. 35-8 u 296-9 tal-proċess
[9] Ara paġ. 362-3 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġġ. 283-6 tal-proċess
[11] Dok "E", f'paġġ. 300-3 tal-proċess

Qorti jeħtiġilha tistħarreġ illum huwa x'inhu tassew il-kreditu li l-Bank attur jistħoqqlu jiġbor mingħand l-imħarrkin, u jekk huwiex minnu li l-Bank kellu xi sehem li wassal biex il-kumpannija mħarrka ECIL ma kinitx aktar f'qagħda li tħallas id-dejn tagħha. Minħabba l-eċċezzjoni mqanqla mit-tliet intervenuti fil-kawża, se' tiġi mistħarrġa wkoll il-kwestjoni tas-siwi tal-garanzija mogħtija lill-Bank mill-imħarrkin garanti;

"Illi, qabel xejn, jifdal li l-Qorti tistħarreġ **dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-imħarrkin** fis-sens li l-attur *nomine* ma jirrappreżentax lill-Bank attur, il-Qorti tgħid mill-ewwel li dik l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa. Dan minħabba li l-Avukat Mamo ressaq dokument li huwa estratt minn riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi qrib sena u nofs qabel ma nfetħet din il-kawża, li juri li dak il-Bord kien ħatru biex jidher għall-Bank f'kull att ġudizzjarju fil-konfront tal-klijenti tal-Bank[12];

"Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni ta' l-imħarrkin kollha m'hijiex sejra tintlaqa', għaliex il-fatti juru l-kontra ta' dak li tgħid l-istess eċċezzjoni;

"Illi **dwar il-pretensjonijiet fil-konfront tal-kumpannija debitriċi** jibda biex jingħad li, fis-sewwa, ma tressqet l-ebda kontestazzjoni siewja dwar l-eżistenza ta' kreditu. Għalkemm fin-Nota ta' l-Eċċezzjoni tagħha ECIL qalet li l-ammonti indikati bħala dovuti ma kinux korretti, ma ressqet l-ebda prova biex tfisser fejn u kif kienet tirriżulta tali skorrettezza. Jidher li l-akbar sforz sar biex il-garanti (imħarrkin fil-kawża) u n-nisa tagħhom (l-intervenuti fil-kawża) ma jitgħabbewx bir-responsabbilta` tal-ħlas tad-dejn flimkien mal-kumpannija mħarrka debitriċi, liema dejn ma ġiex kontestat b'serjeta`;

"Illi wara kollox, l-eżistenza tad-dejn toħroġ minn kuntratti pubbliċi li jitkellmu waħedhom. Biex dik il-pretensjoni taqa' kien jeħtieġ li l-kumpannija debitriċi ECIL tressaq provi li hija ssaldat jew ħallset dak id-dejn. Minn dan ma sar xejn. Għall-kuntrarju, kien l-istess Bank attur li, waqt is-smigħ tal-kawża (u x'aktarx minħabba li saru xi ħlasijiet

[12] Dok "AA", f'paġ. 93 tal-proċess

akkont fil-mori) niżżel il-pretensjoni tiegħu għas-somma ta' Lm788,715.39 minn dik oriġinarjament mitluba fl-Att taċ-Ċitazzjoni. Minħabba li, f'Marzu tal-2003[13], il-Bank attur ressaq bħal prospett aġġornat li ma jidhirx li kien iqis l-imsemmija Nota ta' tnaqqis li kien ressaq aktar minn ħdax-il (11) sena qabel, il-Qorti ma tistax titbiegħed minn dak imsemmi fin-Nota ta' tnaqqis u ma toqgħodx fuq il-prospett, u dan billi n-Nota ta' Tnaqqis ta' talba għandha minn ċessjoni parzjali tal-pretensjoni oriġinali kif magħmula fl-att taċ-Ċitazzjoni, filwaqt li l-prospett huwa l-aħjar ipoteżi, prova. Fuq kollox, l-istess Bank attur ressaq xhud li ikkonferma u fisser kif il-bilanċ li qiegħed jippretendi kien jaqbel ma' dak imsemmi fin-Nota ta' Tnaqqis[14];

"Illi qabel ma jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrkin Ellul Sullivan u Żammit bħala garanti solidali mal-kumpannija ECIL, huwa xieraq li l-Qorti tqis l-**eċċezzjoni tat-tliet intervenuti fil-kawża**. Mill-erba' nisa li żwieġhom tħarrku bħala garanti, tlieta biss ressqu eċċezzjoni dwar **is-siwi tal-garanzija mogħtija minn żwieġhom** favur il-Bank attur. Huma jgħidu li dawk il-garanziji (u l-ipoteki ġenerali u speċjali li nħolqu b'riżultat ta' dik l-obbligazzjoni) ma jiswewx għaliex ma sarux la bil-kunsens tagħhom u lanqas bl-għarfien tagħhom;

"Illi tajjeb jissemma li, bħala prinċipji ġenerali li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża, fejn bejn persuni miżżewġin tapplika l-komunjoni ta' l-akkwisti dwar it-tmexxija tal-ġid materjali tagħhom, il-liġi trid li t-tnejn li huma jkollhom setgħat ta' tmexxija ndaqs u li t-tnejn li huma jridu joqogħdu għal dak li hemm provdut fil-liġi[15]. Għalhekk, il-liġi tgħid li t-tmexxija ordinarja ta' l-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar tmexxija bħal dik tmiss lil kull wieħed mill-miżżewġin[16]. Iżda, dwar għemejjel meqjusa bħala dawk ta' tmexxija straordinarja u l-jedd li wieħed iħarrek jew li jiġi mħarrek dwar tali għemejjel tmiss liż-żewġ miżżewġin flimkien[17].

[13] Dok "AB1", f'paġ. 573 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Philip Spiteri 26.2.1992, f'paġġ. 183-4 tal-proċess
[15] Art. 1319 tal-Kap 16
[16] Art. 1322(1) tal-Kap 16
[17] Art. 1322(2) tal-Kap 16

Madankollu, fejn għemejjel normali ta' tmexxija ta' kummerċ, negozju jew professjoni li tkun immexxijja biss minn wieħed mill-miżżewġin, ikunu wkoll għemejjel ta' tmexxija straordinarja, dawn xorta waħda jistgħu jitwettqu minn dak il-miżżewweġ waħdu[18];

"Illi l-għemejjel ta' għamla straordinarja huma meqjusa bħala dawk biss li l-liġi tgħid[19] li għandhom jitqiesu bħala għemejjel ta' għamla straordinarja, u fejn għamil ma jaqax f'dik il-kategorija għandu jintgħadd bħala għamil ta' tmexxija ordinarja. L-għamil li bih wieħed jidħol f'kuntratt għal xi garanzija huwa magħdud bħala għamil ta' amministrazzjoni straordinarja[20];

"Illi fejn għamil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għamil xorta waħda jkun jgħodd. Imma jekk l-għamil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għamil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att[21]. Kull għamil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin flimkien iżda li fil-fatt isir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha[22]. Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għamil straordinarju, dan irid isir fi żmien limitat[23], li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jntbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq ta' l-għamil[24];

---

18 Art. 1324 tal-kap 16
19 Art. 1322(3) tal-Kap 16
20 Art. 1322(3)(f) tal-Kap 16
21 Art. 1326(1) tal-Kap 16
22 Art. 1326(5) tal-Kap 16.
23 Art. 1326(2) tal-Kap 16
24 Art. 1326(3) TAL-Kap 16

"Illi dawn id-dispożizzjonijiet juru li l-intervenuti fil-kawża m'għandhomx raġun jgħidu li l-garanziji li taw żwieġhom lill-bank attur mingħajr ma ħadu sehem fihom għandhom jitqiesu daqslikieku nulli u bla effett mill-bidu. Fejn hemm nullita` ta' dawn l-għemejjel, din m'hijiex nullita` assoluta, imma biss waħda relattiva: l-għamil jibqa' jiswa sakemm ma jiġix imħassar. Minbarra dan, fejn hemm nullita` bħal din, tali nuqqas ta' siwi ma jista' qatt jintalab (jew jiġi eċċepit) mill-parti l-miżżewġa li tkun ikkuntrattat[25], imma trid tirriżulta minn azzjoni meħuda apposta mill-parti l-miżżewġa li l-fehma tagħha ma tkunx ingħatat, jekk u meta tmexxi b'kawża f'dan is-sens u fiż-żmien stipulat. Ma jidhirx għalhekk biżżejjed li l-kwestjoni tas-siwi ta' għamil straordinarju li jsir minn parti waħda biss mill-miżżewġin tista' titqanqal bħala eċċezzjoni (jiġifieri *ope exceptionis*), imma hu meħtieġ li ssir kawża apposta f'dan is-sens u fiż-żmien li tagħti l-liġi;

"Illi l-kwestjoni dibattuta hija dwar jekk għamil straordinarju li jsir minn jew bl-għarfien ta' waħda biss mill-partijiet miżżewġin jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni ta' l-akkwisti daqslikieku kien għamil li sar mit-tnejn[26], jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun għamlitu[27]. Fiż-żewġ ipoteżi, madankollu, l-implikazzjoni m'hijiex li l-għamil ma jkunx jgħodd, imma, għall-kuntrarju, li dak l-għamil kien jgħodd – żgur fir-rigward tat-terza persuna li tkun ikkuntrattat ma' dik il-parti miżżewġa u ta' dik l-istess parti miżżewġa li tkun daħlet għalih. M'huwiex l-ispirtu tal-liġi jekk jingħad li l-għamil straordinarju mwettaq minn wieħed biss mill-partijiet miżżewġin bla għarfien jew minn wara dahar il-parti miżżewġa l-oħra huwa għamil null *ab initio* u dan għaliex il-liġi ma tgħidx hekk. Fejn il-liġi trid li għamil ma jkunx jiswa għaliex nieqes minn xi kwalita` essenzjali u meħtieġa, l-liġi tgħidu espressament u lil ħadd m'huwa mħolli li jimplikah b'tiġbid, tixbih, jew b'analoġija;

---

[25] P.A. GCD **7.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Strand Marine Ltd. vs Simon Borġ Bartolo***

[26] Ara, per eżempju, App. Ċiv **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Publius Micallef et***

[27] Ara, per eżempju, P.A. GCD **15.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cassar vs Francis Manġion et***; App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo et vs Anġlu Żahra pro et noe***; u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela DeMarco vs David DeMarco et*** (appell pendenti)

"Illi f'dan il-każ jeħtieġ jiġu mistħarrġa tliet (3) aspetti ewlenin: l-ewwel aspett huwa dak li jirrigwarda l-ġid garantit; it-tieni jirrigwarda ż-żmien meta ngħatat il-garanzija; u t-tielet dwar l-għoti tal-garanzija nnifsu minn żwieġ l-intervenuti eċċipjenti u jekk kienx, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jorbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom;

"Illi dwar **l-ewwel aspett** jiġi rilevat li l-ġid garantit mill-imħarrkin garanti kien ġid immobbiljari u li l-garanzija mogħtija kienet fl-għamla ta' ipoteka speċjali fuq dak il-ġid. Dak il-ġid kien ġid tal-garanti u x'aktarx ukoll kienu fondi li fihom kienu jgħixu l-garanti man-nisa rispettivi tagħhom;

"Illi dwar **it-tieni aspett** juri li l-imħarrkin garanti daħlu garanti għall-kumpannija ECIL sa minn Awissu tal-1982. Kif sewwa jirrileva l-bank attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, sa dak inhar, l-istess imħarrkin garanti bħala rġiel miżżewwġa setgħu jorbtu lill-komunjoni ta' l-akkwisti rispettivi tagħhom mingħajr il-ħtieġa li jintalab is-sehem ta' marthom jew il-fehma tagħhom. Sa dak iż-żmien, bil-liġi, r-raġel waħdu kien jamministra l-komunjoni ta' l-akkwisti. Ta' min jgħid li l-garanziji kollha ngħataw lill-Bank attur sa Ottubru tal-1984 fil-każ ta' l-imħarrkin garanti personalment. Fil-każ tal-kumpannija WMCL, il-garanziji kienu ngħataw sa Marzu tal-1985, imma fil-każ tagħha, l-konsiderazzjonijiet dwar is-siwi tal-garanzija minħabba n-nuqqas ta' sehem tal-parti miżżewġa ma jgħoddux, billi dawk il-konsiderazzjonijiet jgħoddu biss dwar persuni fiżiċi li jkunu miżżewġa u li l-ġid patrimonjali tagħhom ikun regolat bis-sistema tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Jiġifieri, sa Novembru tal-1993, ukoll kieku d-dar taż-żwieġ kienet tagħmel mill-ġid tal-komunjoni ta' l-akkwisti, żwieġ l-intervenuti fil-kawża setgħu (kif fil-fatt għamlu) jidħlu garanti u jipotekaw dak il-ġid bla ma n-nisa tagħhom kellhom għalfejn ikunu jafu minn qabel jew jaqblu magħhom;

"Illi, madankollu, jirriżulta kemm mill-kuntratti ippubblikati[28], u kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess intervenuti

[28] Ara, per eżempju, "Dok RGD4", f'paġ. 276 tal-proċess

fil-kawża Johanna Żammit[29] u Patricia Ellul Sullivan[30], li fil-fatt il-kunsens tan-nisa ta' l-imħarrkin garanti kien ingħata biex issir il-garanzija u kif ukoll biex tinħareġ l-ipoteka biex isseddaq dik il-garanzija. Dan il-fatt jagħmilha ħaġa iebsa ħafna li wieħed jifhem kif l-intervenuti fil-kawża jibqgħu jgħidu li l-garanziji mogħtijin minn żwieġhom ma jiswewx jew li ma jorbtux il-komunjoni ta' l-akkwisti relattivi;

"Illi għar-rigward tat-**tielet aspett** wieħed iqis li ma jidhirx li jista' jingħad li l-għoti tal-garanziji min-naħa ta' l-imħarrkin garanti, fih innifsu, kien għamil gratuwitu. Dawk il-garanziji favur il-Bank attur ingħataw sewwasew għaliex il-kumpannija mħarrka kienet qegħda tingħata facilita` bankarja u aġevolazzjoni ta' flejjes li bihom hija setgħet taħdem fin-negozju tagħha. Jista' jagħti l-każ li l-imħarrkin garanti ma kisbu l-ebda vantaġġ dirett mill-ġest tagħhom, iżda dan ma jagħmilx il-garanziji mogħtija bħala għamil liberali jew mingħajr korrispettiv. Ghalkemm wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li fost l-elementi kostitutivi ewlenin tal-kuntratt tal-garanzija, min-natura tiegħu wieħed isib dak li ġie msejjaħ bħala "l-ispirtu ta' beneficenza"[31];

"Illi ssemma wkoll li l-imħarrkin garanti Żammit u Ellul Sullivan kienu azzjonisti u wkoll diretturi tal-kumpannija debitriċi ECIL u għalhekk l-għoti tal-garanzija minnhom kienet eżerċizzju ordinarju ta' dawk il-mansjonijiet tagħhom u b'interess dirett għalihom. Il-Qorti tifhem li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, fit-tmexxija u t-tħaddim ta' kumpannija kummerċjali, is-self u l-kisba ta' faċilitajiet bankarji jkunu parti ordinarja mill-istess tmexxija. Il-Qorti tifhem ukoll li, f'każ bħal dan, jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1324 tal-Kodiċi, b'mod li l-għoti ta' garanzija f'ċirkostanza bħal dik tista' tgħabbi wkoll lill-ġid tal-komunjoni jekk issir bħala parti mill-eżerċizzju tal-kummerċ, negozju, jew professjoni ta' dak li jkun[32];

---

[29] Affidavit tagħha tas-6.4.1999, f'paġ. 514 tal-proċess
[30] Affidavit tagħha tas-6.4.1999, f'paġ. 513 tal-proċess
[31] Ara, per eżempju, App. Kumm. **3.11.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Dingli vs Tabone*** (Kollez. Vol: **LI.i.643**)
[32] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Claudette Gauċi vs Paolo Bonniċi Ltd. et*** (appell pendenti)

"Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li (a) meta żwieġ l-intervenuti fil-kawża daħlu garanti għall-kumpannija mħarrka ECIL dan setgħu jagħmluh u waħedhom jorbtu lill-komunjoni ta' l-akkwisti li dak iż-żmien kienet teżisti bejnhom u bejn marthom; u (b) l-għoti tal-garanzija fiċ-ċirkostanzi li saret kienet tiswa f'għajnejn il-liġi, u ma teżisti l-ebda raġuni li għaliha jew minħabba fiha l-istess garanzija għandha tiġi mħassra jew kanċellata;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni ta' l-intervenuti fil-kawża dwar in-nuqqas ta' siwi tal-garanziji li taw żwieġhom m'hijiex mistħoqqa u għalhekk m'hijiex sejra tilqagħha;

"Illi għar-**rigward tat-tieni eċċezzjoni** ta' l-imħarrkin garanti, jidher li din tistrieħ fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili. Kemm hu hekk, huma jgħidu li kien il-Bank attur innifsu li jaħti għall-fatt li l-kumpannija debitriċi ECIL ma waslitx biex tista' tibqa' tħallas id-dejn li kellha ma' l-istess bank. Mix-xhieda mressqa[33], jidher li l-imħarrkin garanti jixlu lill-Bank attur b'erba' ċirkostanzi partikolari li ġabuhom fiex ġabuhom;

"Illi dawn iċ-ċirkostanzi jissemmew mix-xhud waħdieni li tressaq min-naħa ta' l-imħarrkin, jiġifieri l-imħarrek Alexander Żammit. L-erba' ċirkostanzi jistgħu jinġabru (a) fl-episodju tal-kumpannija franċiża Cofex S.A., (b) fil-ġrajja ta' l-esperjenza tal-kumpannija britannika Yondercourt Ltd., u l-moħħ warajha Rami Narr, (ċ) fil-bidla fil-ħsieb għall-għarrieda tal-Bank attur li ma jilqax il-proposti ta' l-awdituri ta' ECIL biex din tidħol fi proġett mal-kumpannija taljana Sasch Srl, u (d) fit-teħid min-naħa tal-Bank attur ta' proċeduri kriminali kontra d-diretturi ta' ECIL fuq allegazzjoni ta' frodi;

"Illi l-Bank attur ma joqgħodx għal dawn l-akkużi, u ressaq xhud ewlieni li miera waħda waħda l-imsemmija ċirkostanzi[34]. Minbarra dan, l-istess xhud fisser kif il-Bank attur kien uża l-għaqal meħtieġ u widdeb lill-garanti dwar ċerti riskji li kienu qegħdin jieħdu fin-negozju tagħhom

---

[33] Ara affidavit ta' Alexander Żammit 7.8.1997, f'paġġ. 396a sa 400 tal-proċess
[34] Xhieda ta' John B. Gauċi 15.9.1998, f'paġġ. 474 sa 486 tal-proċess

mal-kumpanniji barranin. Ta ukoll tifsiriet li wieħed jista' joqgħod fuqhom dwar il-kwestjoni tal-kambjali *pour aval*[35], dwar l-imġiba ta' Rami Naar[36], u xejn anqas dwar l-ispedizzjoni tal-qliezet lejn ir-Renju Unit mingħajr ma nkiseb iċ-ċertifikat ta' kwalita` qabel intbagħtu barra minn Malta[37];

"Illi f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti qagħdet b'seba' għajnejn biex tifli sewwa l-provi mressqa, ukoll minħabba li riedet tindirizza dik il-parti tas-sottomissjonijiet ta' l-imħarrkin fejn jgħidu li l-Bank attur kien jista' jkun kapriċċuż fid-deċiżjonijiet meħudin minnu, ladarba jiġri x'jiġri, kellu l-protezzjoni tal-garanziji tad-diretturi tad-debitriċi. Il-Qorti tifhem li, f'qagħda bħal din, Bank kreditur jista' jsib li l-garanzija mogħtija u l-ordni ta' prijorita` li din tista' tagħtih, toħloq ambjent fejn in-nuqqas tad-debitur tiegħu ma jħallix effetti radikali sewwasew minħabba li jkun hemm il-garanti li jagħmlu tajjeb. Iżda sakemm ma jintweriex sewwa bi provi tajba li kien hemm xi negliġenza jew saħansitra għamil żlejali mill-Bank li jkun, dan ix-xenarju m'għandux joħloq il-preżunzjoni li l-Bank jista' jkun traskurat fit-tmexxija ta' ħwejjeġ il-klijenti tiegħu. Fid-dinja kompetittiva ma jkunx għaqli li istituzzjoni finanzjarja, bħal bank, bla kont u b'leġġerezza tħalli l-qagħda ta' klijenti tagħha tisfaxxa u mbagħad iddur fuq il-garanti ta' dak il-klijent;

"Illi meta l-Qorti qieset sewwa l-provi ta' l-imħarrkin u qisithom mal-provi mressqa mill-Bank attur, sabet li, f'bosta mill-erba' ċirkostanzi li l-imħarrkin garanti jixlu lill-Bank attur bihom, huma kellhom sehem attiv f'dak li ġara u mhux dejjem kien il-każ li żammew lill-Bank mgħarraf b'dak li kienu qegħdin jagħmlu. L-istampa li toħroġ hija waħda fejn, minħabba l-qagħda finanzjarja mwiegħra li ECIL kienet kulma jmur dieħla fiha, id-direttur kienu qegħdin jippruvaw jidħlu fi proġetti maħsuba li jirrendu dħul biżżejjed biex jinqata' d-dejn tagħha mal-Bank, imma li, minflok, kienu proġetti li swew bla fejda jew ma kinux imfasslin b'għaqal biżżejjed minn qabel;

[35] Xhieda tiegħu 17.3.1998, f'paġ. 423 tal-proċess
[36] Xhieda tiegħu 28.5.1998, f'paġġ. 440-3 u 445 tal-proċess
[37] *Ibid.*, f'paġ. 444 tal-proċess

"Illi għal dawn l-affarijiet, il-Bank attur m'għandux jitgħabba bi ħtija, speċjalment meta wieħed iqis li ECIL u d-diretturi tagħha kienu nies li kien ilhom fil-qasam tal-kummerċ għal bosta snin u kellhom (jew messhom kellhom) l-għajnuna ta' nies esperti fil-qasam tal-manifattura u l-esportazzjoni li kienu l-akbar żewġ attivitajiet ta' l-istess kumpannija. Għalkemm ECIL kienet klijenta tal-Bank attur, wasal mument (x'aktarx fl-1984) meta l-pożizzjonijiet tagħhom ma baqgħux mibnija fuq il-"fiduċja għamja" li jsemmi l-imħarrek Alexander Żammit, għaliex kien hemm diġa' sinjali ta' tensjoni fit-tħaddim tal-kumpannija, fit-tmexxija tal-kontijiet ta' ECIL (li dejjem kienu qegħdin jiħraxu fl-aspett ta' debitu, u, wisq aktar fil-miżuri kawtelativi li l-Bank attur kien qiegħed jieħu, bħal meta l-merkanzija mhux mibjugħa ta' ECIL tqegħdet bi pleġġ f'idejn l-istess Bank. F'qagħda bħal din, wieħed ikun maqtugħ mir-rejalta` jekk jippretendi li l-Bank kreditur jibqa' l-ħabib li jmexxilek hu n-negozju tiegħek jew li tħalli kollox f'idejh;

"Illi, wara li qieset dawn il-ħwejjeġ kollha, l-Qorti ma ssibx li ntwera ċar u tajjeb biżżejjed li l-Bank attur jaħti għall-qagħda mwiegħra li sabet ruħha fiha ECIL jew li jaħti għan-nuqqas ta' l-istess ECIL li twettaq ir-rabtiet tagħha mal-Bank;

"Illi għalhekk, it-tieni eċċezzjoni ta' l-imħarrkin garanti ma tistax tintlaqa';

"Illi ladarba n-negozju li dwaru l-imħarrkin garanti taw il-garanzija tagħhom kien wieħed ta' xejra kummerċjali, jitqies bi preżunzjoni tal-liġi bħala obbligazzjoni solidali[38]. Dan minbarra l-fatt li fl-istess kuntratti, l-imħarrkin iddikjaraw li kienu qegħdin jintrabtu mal-kumpannija mħarrka ECIL solidalment;"

Rat l-appell interpost minn Johanna Zammit fl-20 ta' Gunju 2006 li, ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors li bih

[38] Art. 1941 tal-Kap 16

tressaq dana l-appell, talbet ir-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti u c-cahda tat-talbiet attrici fil-konfront taghha;

Rat ir-risposta tal-bank attur li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab ic-cahda ta' l-appell interpost mill-intervenjenti Johanna Zammit;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza, in kwantu jirrigwardaw lill-appellanti, jolqtu kuntratt ippubblikat min-Nutar George Bonello DuPuis fil-11 ta' Jannar, 1984, fuq liema kuntratt is-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited inghatat zieda fil-facilita` ta' *overdraft* originarjament koncessa lilha b'kuntratt tas-26 ta' Awissu, 1982. Fuq dawn il-kuntratti, Alexander Zammit, zewg l-appellanti, kien irregistra ruhu bhala garanti solidali ma' l-imsemmija socjeta` ghall-hlas lura tad-debitu. Issa, filwaqt li ghar-rigward tal-kuntratt tal-1982, l-appellanti taccetta li hi kienet issottoskriviet ghall-garanzija li kien ta zewgha, hi qed tallega li ghall-garanzija li ta zewgha fuq il-kuntratt tal-1984, hi ma kienetx issottoskriviet ghaliha. Hi tallega li qatt ma tat il-kunsens taghha ghal garanzija li ta zewgha, u ma gietx infurmata jew avzata b'dan la minn zewgha u lanqas mill-bank. Hi ssostni, allura, li l-garanzija assunta minn zewgha personalment hija nulla peress illi giet assunta minghajr il-kunsens taghha. Dan huwa, infatti, wiehed miz-zewg aggravji principali ta' l-appellanti kif migjuba fir-rikors ta' appell. Aggravju principali iehor taghha jikkoncerna l-"quantum" kif likwidat mill-ewwel Qorti. Fuq dan l-ilment, il-Qorti tosserva li l-garanzija in kwistjoni giet iffirmata fl-1984, filwaqt li r-rekwizit li garanzija bankarja biex torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti, trid tigi ffirmata kemm mir-ragel kif ukoll minn martu giet introdotta fl-1 ta' Dicembru, 1993, minghajr effett retroattiv, b'ligi (Att XXI tal-1993) li radikalment biddlet is-sistema ta' l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li, bis-sahha ta' dik il-ligi, giet fdata lill-koppja mizzewga flimkien. Qabel din il-ligi, ir-

ragel kien jamministra l-komunjoni ta' l-akkwisti wahdu in omagg ghall-pricipji li *maritus vivit ut dominus, moritur ut socius* u li *uxor non est socia sed speratur fore*. Il-kontroll tar-ragel fuq il-komnjoni kien assolut, tant li gieli kien jissejjah "*kap u padrun*" tal-komunjoni. Il-proprjeta` parafernali tar-ragel u l-proprjeta` tal-komunjoni, kienu konfuzi flimkien, tant li r-ragel, ghal tul il-hajja tal-komunjoni, kien jitqies bhala proprjetarju ta' l-oggetti formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti (ara, per ezempju, id-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Debono v. Mercieca", riportata fil-Vol XXXIV. II. 503).

Bl-att numru XLVI tal-1973, kienet saret emenda li kienet ittaffi ftit il-poter tar-ragel; dan baqa' amministratur komplet u wahdu tal-komunjoni, izda ma setax aktar jaghti donazzjonijiet minghajr il-kunsens ta' martu. L-ghoti ta' garanzija personali da parti tar-ragel ma gietx, pero`, milquta b'dik l-emenda. Dik l-emenda kienet tkopri trasferimenti u l-ghoti ta' ipoteka b'mod gratuwiti mhux l-ghoti ta' garanzija personali, li setghet allura, tinghata mir-ragel wahdu kemm b'titolu gratuwitu kif ukoll b'titolu oneruz – ara "Mamo noe v. Abela noe et" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Marzu 1990. Sentenza fl-istess sens hija decizjoni ohra moghtija mill-istess Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Borg v. Borg et" deciza fl-14 ta' Gunju 1994, fejn ukoll inghad li garanzija personali ffirmata mir-ragel biss kienet valida u torbot il-komunjoni u ma kienx mehtieg il-firma tal-mara ghall-validita` taghha. Fl-istess sens hija d-decizjoni li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Zammit noe v. Fenech et". Il-garanzija hu istitut li ma jehtiegx kuntratt pubbliku ghall-holqien tieghu, izda biss skrittura privata, u hu distint u indipendenti mill-ghoti ta' ipoteka, li hi *di natura* accessorja, jekk u meta tinghata, ghal obbligazzjoni principali.

Ghalkemm hu minnu li garanzija personali tfisser li d-debitur ikun dahal responsabbli ghad-dejn bil-gid kollu tieghu, prezenti u futuri, kemm nobbli u kif ukoll immobbli, l-ghoti ta' din il-garanzija ma gietx milquta bl-emendi tal-1973, u dak l-att, sal-1 ta' Dicembru, 1993, baqa' fis-setgha tar-ragel wahdu. La darba dak l-att u l-

obbligazzjoni assunta saret legittimament f'isem il-komunjoni ta' l-akkwisti, dak l-att jibqa' hekk jorbot fit-termini tad-disposizzjonijiet tranzitorji ta' l-Att XII tal-1993.

Apparti dan, din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti fis-sens li ma jistax jinghad li l-ghoti tal-garanzija minn Alexander Zammit kien ghamil gratuwitu. L-ghoti tal-facilita` mill-bank kien kondizzjonali ghall-ghoti mill-beneficcjarju ta' diversi garanziji, fosthom dik personali tieghu, li ghandhom, ghalhekk, jitqiesu li nghataw bhala korrispettiv u kwindi b'titolu oneruz. B'hekk, il-garanzija in kwistjoni, ghal darba ohra, mhux milquta bl-emendi li gew introdotti fl-1973. Il-garanzija ma nghatatx bi spirtu ta' liberalita` – bhal meta dak li jkun jaghmel pjacir lil xi habib jew xi hadd li jigi minnu, u jidhollu garanti – izda biex il-<u>kumpanija tieghu stess</u> tkun tista' tinghata facilita` ohra ta' *overdraft*. Dawn il-garanziji kienu parti mill-korrispettiv mitluba mill-bank sabiex il-kumpanija tinghata facilita` bankarja u agevolazzjoni ta' flejjes li bihom setghet tkompli topera.

L-appellanti resqet, kif rajna, aggravju dwar il-*quantum* kif likwidat mill-ewwel Qorti, u qed issostni li dan kellu jitnaqqas bis-somma ta' Lm300,000. Jirrizulta li bhala fatt, din is-somma, ma ttehditx in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti meta iddeterminat l-ammont dovut fis-somma ta' Lm788,715.39, peress li hi mxiet fuq prospett li kien gie redatt qabel ma sar il-pagament ta' Lm300,000, li sehh b'zewg pagamenti li saru fit-2 ta' Gunju, 1995, (ta' Lm200,000) u fis-27 ta' Settembru, 2000 (ta' Lm100,000). Il-prospett, fil-fatt, kien esebit fis-26 ta' Frar, 1992. Il-bank kien esebixxa prospett iehor fil-5 ta' Marzu 2003 (li fih ma kienx gie registrat il-pagament li sar f'Gunju tal-1995), izda l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex tikkunsidrah peress li "ma kienx iqis l-imsemmija nota ta' tnaqqis li kien ressaq aktar minn hdax-il sena qabel", b'referenza ghan-nota tas-26 ta' Frar, 1992. Mar-risposta ta' l-appell tieghu l-bank appellat ressaq prospett gdid li fih qed iqis il-pagamenti li saru f'Gunju tal-1995 u f'Settembru tal-2000 u peress li, mehud kont ta' l-imghaxijiet, l-ammont sallum dovut, jeccedi dak likwidat mill-ewwel Qorti, mhux kaz li l-ilment dwar il-*quantum* jigi akkolt. F'kull kaz, la darba hadd mill-

konvenuti ikkundannati ma appella mis-sentenza, u din allura tifforma gudikat fil-konfront taghhom, din il-Qorti ma tistax tnaqqas il-*quantum* fuq appell ta' intervenjenti li, proprjament, mhux parti fil-kawza.

Tilmenta wkoll l-appellanti li zewgha ma giex trattat l-istess mill-Bank, meta dan (il-Bank) wasal fi ftehim mad-diretturi l-ohra tal-kumpanija Eurowear Clothing Industry Limited. Mill-provi jidher li r-ragel ta' l-appellanti, Alexander Zammit, kien gie offrut mod kif jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu (versu hlas ta' Lm100,000 ghal darba), izda hu irrifjuta dik l-offerta. Din l-offerta saret l-istess lid-direttur l-iehor Ellul Sullivan li accettha, u mieghu sar ftehim. Kwindi, l-appellanti ma tistax tilmenta li hi u zewgha ma nghatawx l-istess opportunita` ta' ftehim.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' l-intervenuta Johanna Zammit billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li l-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-appellanti Johanna Zammit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------